MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Numru 400/2009

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Spiteri
Spettur Trevor Micallef)

vs

Roderick Bartolo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita'numru 312579M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' April 2009 ghal habta tat-tlieta u nofs ta' fil-ghodu gewwa u/jew fl-istabbiliment Shadow Lounge li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan:

1. ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PC39 Jean Paul Zahra, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li

jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
2. ghamel offiza ta' natura hafifa fuq PC39 Jean Paul Zahra.
3. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.
4. qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha.

Il-Qorti mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghal garanzija ta' PC39 Jean Paul Zahra skond Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-imputat f'din l-udjenza jirregistra ammissjoni fuq liema insista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Fl-udjenza tal-20 ta' Mejju 2009 l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-kawza hi ta' natura sommarja b'hekk li l-imputat kien qieghed jigi mixli taht l-Artikolu 94, 221, 338(dd), 338(bb), 324 tal-Kap 9. Ai termini tal-Artikolu 94 citat l-ahhar zewg imputazzjonijiet huma ta' natura kontravenzjonali u t-tieni hi assorbita fl-ewwel.

Fuq l-iskorta ta' l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati. Wara li rat l-artikoli fuq citati u wkoll l-Artikolu 17 tal-Kap 9 tiddeciedi li tikkundannah €50 komplessivament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------